2025/330

20.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/330

tad-19 ta' Frar 2025

li jemenda l-Annessi VIII u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 fir-rigward tal-approvazzjoni jew l-irtirar tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' ċerti Stati Membri jew żoni tagħhom, rigward ċertu mard elenkat u l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 42(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-mard elenkat f'konformità mal-Artikolu 5(1) tiegħu, u jispeċifika kif dawk ir-regoli jridu jiġu applikati għall-kategoriji differenti tal-mard elenkat. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi wkoll l-approvazzjoni jew l-irtirar mill-Kummissjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-Istati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom rigward ċertu mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tiegħu. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi tal-eradikazzjoni obbligatorji għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (b), tiegħu u programmi tal-eradikazzjoni fakultattivi għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (c), tiegħu, u li l-Kummissjoni tapprova dawn il-programmi.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 u jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti, għaż-żamma, għas-sospensjoni u għall-irtirar tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom, u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-programmi tal-eradikazzjoni għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 ([3]) jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-mard elenkat, imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, tal-annimali, fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, u l-approvazzjoni tal-programmi tal-eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat. B'mod aktar partikolari, dan jelenka fl-Annessi tiegħu, l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom bi status approvat ta' ħelsien mill-mard, u bil-programmi tal-eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi approvati eżistenti. Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tinbidel fl-Unjoni ta' ċertu mard elenkat, jenħtieġ li jiġu emendati l-Annessi VIII u XI ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/689/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tal-15 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/620/oj).

(4) It-tieni, fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV), iċ-Ċekja u l-Polonja nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat tal-infezzjoni bis-serotip 3 tal-BTV. It-tifqigħat fiċ-Ċekja kienu fiż-żona li għad għandha status ta' ħelsien mill-mard fir-rigward ta' dik il-marda u t-tifqigħat fil-Polonja kienu fil-provinċji ta': dolnośląskie, zachodniopomorskie u warmińsko-mazurskie li jaffettwaw ukoll provinċji oħra. Barra minn hekk, Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' infezzjoni bis-serotip 8 tal-BTV fil-komunità awtonoma ta' Castilla la Mancha u País Vasco, li jaffettwaw ukoll komunitajiet awtonomi oħra, fiż-żona li għad għandha status ta' ħelsien mill-mard fir-rigward ta' dik il-marda. Billi t-territorju kollu tal-Polonja u partijiet mit-territorju taċ-Ċekja u ta' Spanja għandhom status ta' ħelsien mill-mard, u huma elenkati fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-infezzjoni bil-BTV jenħtieġ li tiġi rtirata mill-provinċji ta': dolnośląskie, lubuskie, pomorskie, u zachodniopomorskie u ċerti żoni tal-provinċji ta' kujawsko-pomorskie, łódzkie, mazowieckie, opolskie, podlaskie, warmińsko-mazurskie u wielkopolskie fil-Polonja, it-territorju kollu taċ-Ċekja u l-komunità awtonoma ta' País Vasco, il-komunità awtonoma ta' Navarra, ċerti żoni tal-provinċja ta' Zaragoza fil-komunità awtonoma ta' Aragón, ċerti żoni fil-provinċja ta' Burgos fil-komunità awtonoma ta' Castilla y León u ċerti żoni fil-provinċja ta' Guadalajara fil-komunità awtonoma ta' Castilla-La Mancha fi Spanja. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati għaċ-Ċekja, għall-Polonja u għal Spanja fil-Parti I ta' dak l-Anness jiġu emendati skont dan.

(5) Barra minn hekk, Spanja infurmat ukoll lill-Kummissjoni li estendiet l-ambitu territorjali tal-programm tal-eradikazzjoni fakultattiv għall-infezzjoni bil-BTV li diġà ġie approvat għaż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, biż-żieda tal-komunità awtonoma ta' País Vasco, il-komunità awtonoma ta' Navarra, ċerti żoni tal-provinċja ta' Zaragoza fil-komunità awtonoma ta' Aragón, ċerti żona tal-provinċja ta' Burgos fil-komunità awtonoma ta' Castilla y León u ċerti żoni fil-provinċja ta' Guadalajara fil-komunità awtonoma ta' Castilla-La Mancha fi Spanja. Għalhekk, dawk iż-żoni jenħtieġ li jiżdiedu mal-entrata għal Spanja fil-Parti II tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, u tiġi approvata l-emenda proposta tal-programm tal-eradikazzjoni fakultattiv għall-infezzjoni bil-BTV.

(6) Fir-rigward tal-infezzjoni bl-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI), l-awtorità kompetenti tan-Netherlands infurmat lill-Kummissjoni li Verbeek's poultry international B.V bin-numru tal-approvazzjoni 1122 ma tistax titqies bħala kompartiment ħieles mill-HPAI billi l-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ma għadhomx issodisfati. Billi dan il-kompartiment huwa elenkat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 bħala ħieles mill-HPAI, l-istatus ta' ħelsien mill-HPAI jenħtieġ li jiġi rtirat. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata għan-Netherlands f'dak l-Anness tiġi emendata skont dan.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi VIII u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jiġu emendati skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformita mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VIII u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi VIII u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti I hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għaċ-Ċekja titħassar;

(ii) l-entrata għal Spanja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Spanja	Comunidad Autónoma de Aragón: Provincia de Zaragoza ħlief Ejea de los Caballeros, Sos del Rey Católico, Provincia de Teruel Comunidad Autónoma de Canarias Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha: Provincia de Guadalajara ħlief iż-żoni li ġejjin: Guadalajara u Pastrana Comunidad Autónoma de Castilla y León, ħlief iż-żoni li ġejjin: Provincia de Ávila Condado de Treviño y La Puebla de Arganzón fil-provincia de Burgos, Provincia de Salamanca, Cantalejo, Carbonero El Mayor, Santa María la Real de Nieva, Segovia, Villacastín fil-provincia de Segovia, Alcañices, Bermillo de Sayago, Puebla de Sanabria fil-provincia de Zamora Comunidad Autónoma de La Rioja Comunidad Autónoma de Valencia: provincia de Castellón, provincia de Valencia"

(iii) l-entrata għall-Polonja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Il-Polonja	It-territorju kollu tal-Polonja ħlief: województwo dolnośląskie województwo lubuskie województwo pomorskie województwo zachodniopomorskie w województwie kujawsko-pomorskim: powiat brodnicki powiat golubsko-dobrzyński powiat grudziądzki miasto na prawach powiatu Grudziądz powiat rypiński powiat sępoleński powiat wąbrzeski w powiecie chełmińskim: gmina Chełmno, miasto Chełmno, gmina Kijewo Królewskie, gmina Lisewo, gmina Papowo Biskupie, gmina Stolno w powiecie lipnowskim: gmina Chrostkowo, gmina Skępe w powiecie nakielskim: gmina Mrocza, gmina Sadki

Stat Membru	Territorju
	w powiecie świeckim: gmina Bukowiec, gmina Dragacz, gmina Drzycim, gmina Jeżewo, gmina Lniano, gmina Nowe, gmina Osie, gmina Świecie, gmina Warlubie w powiecie toruńskim: gmina Chełmża, miasto Chełmża, w powiecie tucholskim: gmina Cekcyn, gmina Gostycyn, gmina Kęsowo, gmina Śliwice, gmina Tuchola w województwie łódzkim: powiat wieruszowski w powiecie sieradzkim: gmina Błaszki, gmina Brąszewice, gmina Brzeźnio, gmina Goszczanów, gmina Klonowa, gmina Sieradz, miasto Sieradz, gmina Warta, gmina Wróblew, gmina Złoczew w powiecie wieluńskim: gmina Biała, gmina Czarnożyły, gmina Mokrsko, gmina Ostrówek, gmina Pątnów, gmina Skomlin, gmina Wieluń w województwie mazowieckim: powiat mławski powiat przasnyski powiat żuromiński w powiecie ciechanowskim: gmina Ciechanów, miasto Ciechanów, gmina Glinojeck, gmina Grudusk, gmina Opinogóra Górna, gmina Regimin w powiecie makowskim: gmina Krasnosielc, gmina Płoniawy-Bramura, gmina Sypniewo w powiecie ostrołęckim: gmina Baranowo, gmina Czarnia, gmina Kadzidło, gmina Lelis, gmina Łyse, gmina Myszyniec, gmina Olszewo-Borki w powiecie płońskim: gmina Raciąż, miasto Raciąż w powiecie sierpeckim: gmina Rościszewo, gmina Sierpc, miasto Sierpc, gmina Szczutowo, gmina Zawidz w województwie opolskim: powiat brzeski powiat kluczborski powiat namysłowski powiat nyski powiat opolski miasto na prawach powiatu Opole w powiecie krapkowickim: gmina Gogolin, gmina Krapkowice, gmina Strzeleczki w powiecie oleskim: gmina Gorzów Śląski, gmina Olesno, gmina Praszka, gmina Radłów, gmina Zębowice w powiecie prudnickim: gmina Biała, gmina Lubrza, gmina Prudnik w województwie podlaskim: w powiecie kolneńskim: gmina Kolno, miasto Kolno, gmina Turośl w powiecie łomżyńskim: gmina Zbójna w województwie warmińsko-mazurskim:

Stat Membru	Territorju
	powiat bartoszycki powiat braniewski powiat działdowski powiat elbląski miasto na prawach powiatu Elbląg powiat giżycki powiat iławski powiat kętrzyński powiat lidzbarski powiat mrągowski powiat nidzicki powiat nowomiejski powiat olsztyński miasto na prawach powiatu Olsztyn powiat ostródzki powiat piski powiat szczycieński powiat węgorzewski w powiecie ełckim: gmina Ełk, miasto Ełk, gmina Stare Juchy w powiecie gołdapskim: gmina Banie Mazurskie, gmina Gołdap w powiecie oleckim: gmina Kowale Oleckie, gmina Świętajno w województwie wielkopolskim: powiat chodzieski powiat czarnkowsko-trzcianecki powiat gnieźnieński powiat gostyński powiat grodziski powiat jarociński powiat kaliski miasto na prawach powiatu Kalisz powiat kępiński miasto na prawach powiatu Konin powiat kościański powiat krotoszyński powiat leszczyński miasto na prawach powiatu Leszno powiat międzychodzki powiat nowotomyski powiat obornicki powiat ostrowski powiat ostrzeszowski powiat pilski powiat pleszewski powiat poznański miasto na prawach powiatu Poznań powiat rawicki powiat słupecki powiat szamotulski powiat średzki powiat śremski powiat wolsztyński powiat wrzesiński powiat złotowski

Stat Membru	Territorju
	w powiecie konińskim: gmina Golina, gmina Grodziec, gmina Kazimierz Biskupi, gmina Kleczew, gmina Kramsk, gmina Krzymów, gmina Rychwał, gmina Rzgów, gmina Stare Miasto w powiecie tureckim: gmina Dobra, gmina Kawęczyn, gmina Malanów, gmina Tuliszków, gmina Turek, miasto Turek, gmina Władysławów w powiecie wągrowieckim: gmina Mieścisko, gmina Skoki, gmina Wągrowiec, miasto Wągrowiec.”

(b) Il-Parti II hija sostitwita b’dan li ġej:

“PARTI II

L-ISTATI MEMBRI JEW IŻ-ŻONI TAGĦHOM BI PROGRAMM TAL-ERADIKAZZJONI APPROVAT GĦALL-INFEZZJONI TAL-BTV

Stat Membru	Territorju	Data tal-approvazzjoni inizjali msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689
Spanja	Comunidad Autónoma de Aragon: Ejea de los Caballeros, Sos del Rey Católico fil-provincia de Zaragoza Provincia de Huesca Comunidad Autónoma de Andalucía Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha: Provincia de Albacete Provincia de Ciudad Real Provincia de Cuenca Guadalajara u Pastrana fil-provincia de Guadalajara Provincia de Toledo Comunidad Autónoma de Asturias Comunidad Autónoma de Cantabria Comunidad Autónoma de las Islas Baleares Comunidad Autónoma de Castilla y León Provincia de Ávila Condado de Treviño, La Puebla de Arganzón fil-provincia de Burgos Provincia de Salamanca Cantalejo, Carbonero El Mayor, Santa María la Real de Nieva, Segovia, Villacastín fil-provincia de Segovia Alcañices, Bermillo de Sayago, Puebla de Sanabria fil-provincia de Zamora Comunidad Autónoma de Cataluña Comunidad Autónoma de Extremadura Comunidad Autónoma de Galicia Comunidad Autónoma de Madrid Comunidad Autónoma de Murcia Comunidad Autónoma de Navarra Comunidad Autónoma del País Vasco Comunidad Autónoma de Valencia: provincia de Alicante.	21.2.2022”

(2) fl-Anness XI, l-entrata għan-Netherlands hi sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Isem
"In-Netherlands	Institut de selection animale B.V bin-numru tal-approvazzjoni 2338. Cobb Europe B.V. bin-numru tal-approvazzjoni 2951."